**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 14 ta' Ottubru 2021

Rikors Numru: 174/2014 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 237/2010)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta' April, 2010 u minn dan iz-zwieg twieled l-minuri D ta' sentejn;*

2. *Illi z-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba vjolenza, swat, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, abbandun u*

---
[1] Fol. 1.

*adulterju fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibli u li jaghtu ok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htja imputabbli unikament tal-konvenut;*

3. *Illi minhabba dawn ir-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li jaghtu ok ghas-separazzjoni personali, l-esponenti kienet kostretta li tfittexx il-kenn gewwa x-xelter flimkien mal-minurii;*

4. *Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibli;*

5. *Illi l-partijiet gew debitament awtrizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 12 ta' Gunju 2014 (Dok AM1);*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba vjolenza, swat, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentament tawtorizza lill-attrici tghix separataent mill-konvenut;*

2. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u l-minuri fuq imsemmi, tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-ghli tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

3. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D f'idejn l-esponenti u dan kif jigi stabbili minn din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi*

*ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lil-intimat, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-evntwali kontumacja fuq l-istess att;*

5. *Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjgali kif mahuba fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali taghha;*

7. *Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lil-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u pst stabbilit minn dina l-Onroabbli Qorti;*

8. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha M;*

9. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, fejn eċċepixxa:[2]

1. *Illi dan iz-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti, l-intimat ma kienitx jahti ghat-tkissir taz-zwieg;*

2. *Illi l-intimat ma kkometta ebda att ta' sevizzi, eccessi, offizi u adulterju fil-konfront ta' r-rikorrenti anzi kienet hi li kkommetiet;*

3. *Illi r-rikorrenti abbandunat il-hajja matrimonjali zmien ilu u qatt ma ried responsabiltajiet matrimonjali sabiex jasal ghall-bonnijiet egojistici taghha;*

[2] Fol. 21.

4. *Illi huwa dispostissimu li jhallas manteniment ghall-minuri li jirrispekkja l-introjtu tieghu pero' hu jopponi li jhallas manteniment ghall-mara u dan billi 1) l-ghajnuna socjali li hi tircievi qed iddahhal daqsu, 2) barra minnhekk il-mara tieghu tahdem ghand in-nies bhala helper Filippina kif kienet taghmel minn dejjem kemm ilu jafha tant li tiehu t-tifel child care tal-marsa, u 3) kienet hi li abbandunat id-dar matrimonjali bla raguni;*

5. *Illi assi komuni ma hemm xejn;*

6. *Illi dwar il-kura u kustodja dan ghandu tkun kongnta bejn il-partijiet;*

7. *Illi hemm qbil li zzomm kunjomha ta' xebba.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment, inkluz l-Atti tal-Medjazzjoni tal-partijiet bin-numru 422/2012 RGM li ġew allegati mal-atti odjerni permezz tad-digriet datat 11 ta' Awwissu 2016;[3]

Rat illi fl-ewwel seduta, ċjoe' nhar id-19 ta' Frar 2015, il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi sabiex il-proċeduri odjerni jinstemgħu bil-lingwa Ingliza. Madanakollu, nonostante t-talba tal-attriċi u d-digriet tal-Qorti fir-rigward tal-lingwa li biha kellha titmexxa l-azzjoni odjerna, il-proċeduri dejjem issoktaw bil-lingwa Maltija,[4] u proprju fid-dawl ta' dan li s-sentenza in kwistjoni ser tingħata bil-lingwa Maltija;

Rat l-affidavits tal-attriċi,[5] u kif ukoll il-kontro-ezami;[6]

Rat l-affidavit tal-konvenut,[7] ix-xhieda *viva* voce,[8] u kif ukoll il-kontro-ezami;[9]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dr Anna Mallia, Dr

---

[3] Fol. 443.
[4] Għajr għall-affidavits tal-attriċi li sar bil-lingwa Ingliza.
[5] Fol. 26, 386
[6] Fol. 591, 600, 604.
[7] Fol. 446.
[8] Fol. 420.
[9] Fol. 612, 616, 627, 634.

Greta Mifsud Agius u Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[10]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[11]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ u konsegwentamet tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament minn zewġha;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li l-konvenut jiġi ordnat iħallas manteniment adegwat għall-istess minuri;

4. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment għall-attriċi;

[10] Fol. 653.
[11] Fol. 649.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u konsegwntament tillikwida u tassenja ukoll l-assi u krediti parafernali lill-attriċi;

6. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti lura għal kunjom xbubitha;

7. Tordna r-reġistrazzjoni tas-separazzjoni in kwistjoni mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha l-attriċi tirrileva illi ltaqgħat mal-konvenut tramite *chatting* fuq l-internet waqt li kienet għadha ġewwa l-Filippini, fejn matul dan iz-zmien li bdew isiru jafu lil xulxin, il-konvenut kien ta' spiss jinkoraġġixxi lill-attriċi sabiex tirriloka ġewwa Malta b'mod permanenti. L-attriċi tispjega li fil-bidu ma kienetx konvinta minn dak li kien jgħidilha l-konvenut stante li hija għandha tifel bl-isem ta' E F, li kien jgħix magħha ġewwa l-Filippini. Madanakollu jirrizulta illi oħt l-attriċi offriet illi tieħu ħsieb lil iben l-attriċi, fejn din tal-aħħar aċċettat, u konsegwentament applikat għad-dokumenti neċċessarji sabiex tiġi ġewwa Malta bl-intiza li tizzewweġ lil konvenut, tgħix Malta, issib xogħol u tibgħat il-flus lil oħtha. Jingħad illi kien il-konvenut li ħallas l-ispejjez għat-titjira tal-attriċi u l-*visa* tagħha sabiex tkun tista' tidħol u tirrisjedi ġewwa Malta. L-attriċi tispjega illi hija waslet Malta nhar it-23 ta' Novembru 2009, fejn din marret tgħix mal-konvenut u uliedu ġewwa l-fond *"Flat 1, Door B, Block J, XX Street, Ta' Giorni, Saint Julians"*, fejn wara ħames (5) xhur mill-wasla tagħha ġewwa Malta, ċjoe' nhar id-9 ta' April 2010, il-partijiet izzewġu.

L-attriċi tispjega illi qabel ma' l-partijiet izzewġu, iben il-konvenut, ossija G B, kellu l-ħabta ta' kuljum li jgħaddi minn ħdejn il-kamra tagħha u jibqa' jħares fiss f'għajnejha sakemm jitlaq jiġri mingħajr ma jlissen kelma. Meta l-attriċi nfurmat b'dan kollu lill-konvenut, dan tal-aħħar spiċċa sabiex weħħel fl-attriċi għaliex skontu ma kienetx tipprova tiskapulah lil ibnu G li kien ibati minn dipressjoni. Dan l-agir da parti G B, iben il-konvenut, baqa' għaddej saħansitra wara li l-partijiet izzewġu, u minkejja li l-attriċi kienet tittenta tikkonvinċi lil konvenut

sabiex jgħin lil ibnu, hija tallega li dan qatt ma ried jagħmel xejn. Fil-fatt, l-attriċi tkompli tispjega illi minħabba l-attitudni ta' iben il-konvenut, l-attriċi kienet kostretta li tmur kullimkien mal-konvenut stante li dan tal-aħħar ma kienx jafda lill-attriċi waħedha ma' ibnu d-dar.

Minħabba l-allegat episodju fejn G B daħal fil-kamra tal-banju wara l-attriċi, l-konvenut beda jaħseb illi l-attriċi u ibnu kellhom relazzjoni. Madanakollu hekk kif il-konvenut u ibnu kkonfrontaw lil xulxin, iben il-konvenut mar jgħix għal ftit jiem ma' zijtu paterna, fejn l-istess aġir baqa' jsir izda din id-darba ma' zijtu. L-attriċi tikkontendi illi minħabba f'hekk, il-konvenut beda jifhem illi d-dipressjoni li minnha kien qiegħed ibati ibnu kienet qiegħda tagħmillu ħsara kbira, filwaqt li kienet qiegħda ukoll tikkawza numru ta' diffikultajiet fir-rapport tal-partijiet. Izda din il-fissazzjoni tal-konvenut li ma jħallix lill-attriċi waħedha ma' ibnu baqgħat tippersisti, tant illi meta darba fost l-oħrajn, il-*Jobsplus* bagħtu għalih sabiex jattendi għal kors partikolari, huwa ma attendiex bil-konsegwenza li ma baqgħax jipperċepixxi mill-Għajnuna għall-Qagħad. Fid-dawl ta' dan, il-partijiet ma kellhomx bizzejjed flus sabiex jgħixu u b'hekk l-attriċi kienet kostretta li tibda taħdem bħala *cleaner*.

Sabiex titfa' iktar dawl fuq il-karattru tal-konvenut, l-attriċi ssemmi ukoll episodju ieħor fejn il-konvenut ma riedx jixtri mediċina partikolari li kellha bzonn l-attriċi. In vista li ma kellhiex disponibbli l-mediċina neċessarja sabiex ittaffi l-uġigh li kellha, l-attriċi ħadet tmintax-il (18) panadol f'mument fejn il-konvenut ma kienx id-dar. Hekk kif il-konvenut wasal lura, huwa sab lill-attriċi tirremetti u dan dlonk ħadha l-isptar. Rigward dan l-episodju, l-attriċi rrakkontat kollox lil oħt il-konvenut li marret taraha l-isptar, inkluz li hija ppruvat ittemm ħajjitha.

Konsegwentament, f'Mejju 2011, l-attriċi saret taf li kienet tqila u tikkontendi li kien proprju f'dan il-perjodu li l-problemi komplew jizdiedu. Jingħad illi l-konvenut ma setgħax jifhem kif l-attriċi ħarġet tqila proprju ftit taz-zmien wara li bdiet taħdem, u fil-fatt kellu dubji dwar jekk l-attriċi kellhiex relazzjoni extra-matrimonjali. L-attriċi tispjega illi kien hemm mumenti fejn il-konvenut beda jinsisti sabiex din it-tqala tiġi tterminata permezz ta' abort, jew inkella bi proċeduri oħrajn inqas drastiċi. Madanakollu l-attriċi tgħid illi dejjem irrifjutat li tagħmel dan, tant li fit-tielet xahar tat-tqala l-attriċi rrikonfermat dan lil konvenut u qaltu li jekk ma riedx jerfa' r-responsabbilita' seta' jaqta' biljett lura għall-Filippini sabiex b'hekk hi tkun tista' tmur lura għand familtha. Izda għal tali

proposta, il-konvenut beda jgħajjat li ma setgħax ikollha iktar kuntatt ma' familtha jew li titlaq barra minn Malta.

Fiz-zmien tat-tqala, l-konvenut beda jkun iktar vjolenti mal-attriċi fejn kien jgħajjat magħha li ma kienetx qiegħda tieħu ħsieb sew tad-dar u tiegħu. Barra minn hekk, f'dan iz-zmien ukoll li l-konveut allegatament beda jerfa' jdejh fuq l-attriċi. Fil-fatt l-attriċi ssemmi episodju partikolari fejn il-konvenut tant sar vjolenti li mbuttaha fuq is-sodda u qabadha minn għonqha, izda hekk kif bdiet tirribatti lura, huwa għolliha minn fuq is-sodda u mbuttaha għal mal-gwardarobba, fejn sussegwentament tefaha mal-art u beda jtiha bis-sieq f'daharha u zaqqha. Hekk kif beda jagħmel hekk, l-attriċi ppruvat twaqqaf lil konvenut u talbitu bil-ħniena sabiex jieqaf, u dan hekk għamel. Minn dakinhar 'il quddiem, l-attriċi tgħid illi l-konvenut beda jsir dejjem iktar vjolenti magħha. L-attriċi tagħti rendikont ta' episodju ieħor fejn kellha sitt xhur tqala u l-partijiet kellhom argument għand oħt il-konvenut, fejn hekk kif waslu lura d-dar, il-konvenut qabad lill-attriċi minn għonqha izda iben il-konvenut, H, daħal fil-kamra u waqqaf lil missieru. Wara dak l-inċident, il-konvenut waqaf jerfa' jdejh fuq l-attriċi minħabba t-tqala tal-attriċi izda r-relazzjoni tal-partijet xorta waħda ma marritx għall-aħjar. Minflok beda juza l-vjolenza fizika, l-attriċi tispjega li l-konvenut beda juza lil ibnu G sabiex iqabbad ansjeta' fl-attriċi, hekk kif il-konvenut beda jħalli lill-attriċi waħedha ma' ibnu u anke saħansitra jħalli l-bieb tal-kamra tas-sodda tagħha miftuħ waqt li kienet tkun rieqda.

Fi Frar 2012 twieled iben il-partijiet, D B. Mat-twelid tal-minuri, il-konvenut reġa' sar vjolenti, fejn kien jgħajjat hekk kif jisma' lill-minuri jibki matul il-lejl, qatt ma ttenta jieħu ħsiebu u ta' spiss kien jerfa' jdejh fuq l-attriċi. Għalhekk fi kliem l-attriċi, l-abbuz kien agħar wara li twieled il-minuri. Bħala konsegwenza tal-aġir ta-konvenut, l-attriċi tispjega li kienet ippostjat fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook* fejn b'mod fittizju spjegat li ħabiba tagħha kellha bzonn l-għajnuna għaliex kienet sfat vittma ta' vjolenza domestika u saqsiet dwar minn fejn setgħat issib l-għajnuna neċessarja – fil-verita' din kienet biss karba da parti l-attriċi stess għaliex l-għajnuna kienet allegatament neċessarja għaliha stess. Dan il-*post* inzertat ratu l-*employer* tal-attriċi, I J, fejn ikkuntatjatha fuq iċ-ċellulari u saqsietha jekk tali għajnuna kienetx verament għal ħabiba tagħha jew inkella għaliha nnifisha, u hekk kif ġiet konfrontata b'dan id-diskors, l-attriċi tgħid li kienet qalet il-verita' kollha lil I J. Għal tali skoprta, J kkuntatjat lill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluz l-Aġenzija Appoġġ, sabiex jassistu lill-attriċi. L-awtoritijiet

bdew jippruvaw jikkomunikaw mal-attriċi, izda l-konvenut beda jirrifjuta li l-attriċi twieġeb lura, jew inkella jillimita xi tgħid fuq it-telefon għaliex kellu biza' kbira dwar dak li setgħet tgħid l-attriċi.

L-Aġenzija Appoġġ ippruvaw jgħinu lill-partijiet, u konsegwentament il-partjiet irċivew ukoll ittra minn għand ic-*Child Protection Services*. L-attriċi tispjega li s-sitwazzjoni bejniethom kompliet sejra għall-agħar, u *per* konsegwenza l-konvenut baqa' jkun vjolenti mal-attriċi. F'Diċembru 2012, il-partijiet marru flimkien għal appuntament għand l-Aġenzija Appoġġ, fejn ġew infurmati li l-Aġenzija kienet ser tieħu taħt il-kura tagħha lil minuri izda l-attriċi talbithom sabiex jagħtuhom ċans sa Jannar sabiex jippruvaw isolvu d-differenzi ta' bejniethom. Madanakollu minħabba argument li seħħ fl-24 ta' Diċembru 2012 fejn il-konvenut refa' jdejh fuq l-attriċi, il-partijiet reġgħu marru għand l-Aġenzija Appoġġ u ġie maqbul li l-attriċi flimkien mal-minuri jmorru ġewwa xelter Merħba Bik.

Fil-prezent l-attriċi tgħid li qiegħda tgħix ma' zewġ nisa oħra Filippini ġewwa appartament. Madanakollu tammetti illi għandha relazzjoni ma' raġel ieħor, izda dan ir-raġel li l-identita' tiegħu ma ġietx zvelata, għandu r-residenza tiegħu fejn jgħix flimkien mal-wild tiegħu.

Sabiex tissostanzja l-verzjoni tagħha, l-attriċi tezebixxi:

i. *Ix-xhieda tas-Social Worker Sarah Debono, in rapprezentanza tad-Domestic Violence Unit ġewwa l-Aġenzija Appoġġ,*[12] fejn ipprezentat rapport maħluf dwar l-attriċi li jagħti *timeline* tal-akkaduti kollha u kif ukoll spjegazzjoni ta' dak kollu li ġara,[13] fejn il-Qorti rat b'mod speċifiku illi:

(a) Il-kaz in kwistjoni ġie għall-attenzjoni tal-Aġenzija Appoġġ *tramite* telefonata ta' xi ħadd anonimu in rapprezentanza tal-attriċi,

(b) Matul spezzjoni ġewwa d-dar tal-partijiet nhar is-16 ta' Lulju 2012, jingħad illi *"Mr B spoke of marital conflict and blamed his wife for it saying that she is overly sensitive and provokes his reaction. Mr B admitted to hitting Ms B and D getting caught in the crossfire. (...) He*

[12] Fol. 129.
[13] Fol. 133.

*accused her of speaking badly of his late wife while she claimed that he continuously compares her to his first wife and telling her that she can never be the same as her and that she is just a maid;*[14]

(c) F'appuntament li l-attriċi kellha mas-*social worker* din tat rendikont li kien hemm tlett (3) episodji speċifiċi fejn il-konvenut kien vjolenti magħha, fejn konsegwentament għal tali sessjoni l-istess *social worker* tkellmet mal-konvenut fejn dan *"accepted the fact that he is violent and showed willingness to work on his behaviour"*.[15] Madanakollu minkejja li beda jieħu l-għajnuna, huwa waqqaf tali servizz stante li huwa *"refused to take responsibility for his actions and referred to his wife as being a 'possession' rather than a person"*;[16]

(d) Nhar is-7 ta' Awwissu 2012 l-attriċi kkuntattjat lid-*Domestic Violence Unit* fejn allegat li l-konvenut refa' jdejh fuqha u riedet l-intervent tal-Pulizija. Konsegwentament is-*social worker* akkumpanjat lill-attriċi għal konsultazzjoni legali u setgħat tara marka ħamra/vjola fuq ħaddejha;[17]

(e) Kien hemm episodju ieħor ta' vjolenza nhar it-30 ta' Settembru 2012, fejn inġabu akkuzi kontra iz-zewġ partijiet għaliex *"Ms B challenged him and at one point he grabbed her by the jaw, upper arms and pushed her forcefully on to the chair. She admitted to scratching her husband's face and around his hips in defence"*;[18]

(f) Fil-prezenza ta' rapprezentanti tad-*Domestic Violence Unit* u *Child Protection Services*, kien hemm qbil li l-attriċi u l-minuri jmorru ġewwa Dar Merħba Bik nhar l-24 ta' Diċembru 2012.

ii. *Xhieda ta' Garyneth Zammit, in rapprezentanza tac-Child Protection,*[19] fejn *inter alia* kkonfermat illi *"Malli Mrs B telqet mid-dar dan il-periklu spicca"*;[20]

---

[14] Fol. 133.
[15] Fol. 134.
[16] *Ibid.*
[17] Fol. 135.
[18] Fol. 136.
[19] Fol. 130.
[20] *Ibid.*

iii. <u>*Xhieda tal-Pulizija PS 1579 Johann Mifsud*</u>,[21] fejn ipprezenta disa' (9) rapporti li għamlet l-attriċi kontra l-konvenut,[22] rapport li għamlet terza persuna kontra l-konvenut,[23] u erba' (4) rapporti li għamel il-konvenut kontra l-attriċi;[24]

iv. <u>*Xhieda tas-Social Worker Hette Briffa, in rappreżentanza ta' Dar Merħba Bik*</u>,[25] fejn ipprezentat rapport dwar il-każ in kwistjoni li jikkonferma l-karattru vjolenti tal-konvenut;[26]

v. <u>*Affidavit ta' Deborah Zarb bħala key worker fid-Dar Qalb ta' Ġesu*</u>,[27] fejn ikkonfermat illi l-attriċi attendiet għal programm bl-isem ta' Programm Sebħ, li ġie deskritt bħala *"an eighteen month voluntary programme which supports families who experience domestic violence"*;

vi. <u>*Affidavit ta' I J bħala l-persuna li kienet tħaddem lill-attriċi*</u>,[28] li tibda sabiex tiddeskriviha bħala *"she is one of the most sweet, kind and honest persons that I know"*. Tirrakonta ukoll kif darba rat messaġġ miktub mill-attriċi fuq il-pjattaforma soċjali Facebook fejn kitbet li xtaqet tmut għaliex kienet tħossha priġuniera, bħal għasfur ġo gaġġa u ma setgħatx taħrab. Għal dan il-messaġġ, J ċemplitilha u offrietilha l-għajnuna, izda li ġiet rifjutata mill-attriċi. Sussegwentament J rat post fuq l-istess pjattaforma soċjali fejn l-attriċi kitbet li ħabiba tagħha kellha bzonn l-protezzjoni għaliex kienet

[21] Fol. 189.

[22] Fejn ir-rapporti jikkonsistu fis-segwenti: (i) tat-30 ta' Ottubru 2015 kontra l-konvenut, minħabba argument li nqala' waqt ħin ta aċċess, fejn il-konvenut irriversja għal fuqha bil-vettura tiegħu, filwaqt li iben il-konvenut qabadha minn għonqha a fol. 200, (ii) tat-30 ta' Ottubru 2015 kontra l-konvenut minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, a fol. 205, (iii) tat-23 ta' Marzu 2015 kontra l-konvenut minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, a fol. 208, (iv) tat-18 ta' Diċembru 2015 kontra l-konvenut minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, a fol. 211, (v) tas-16 ta' Jannar 2015 kontra l-konvenut minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, a fol. 214, (vi) tat-22 ta' Ottubru 2014 kontra l-konvenut minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, a fol. 217, (vii) tal-4 ta' Lulju 2014 kontra l-konveut minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, a fol. 219, (viii) tat-8 ta' Awwissu 2012 kontra l-konvenut minħabba li l-attriċi kellha bzonn l-assistenza tal-pulizija wara serje ta' battibekki u nuqqas ta' qbil ma' zewġha, fejn konsegwentament l-attriċi marret ġewwa Dar Merħba Bik flimkien mal-minuri, a fol. 222, (ix) tat-2 ta' Marzu 2013 kontra l-konvenut li fuq ir-rapport ma hemmx imnizzel dwar xiex dar ir-rapport, a fol. 228.

[23] Rapport tal-1 ta' Ġunju 2013 magħmul minn Madrigal K Cristina Ramelo kontra l-konvenut, wara li dan beda jgħajjarha bi kliem insulenti, a fol. 224.

[24] Fejn ir-rapporti jikkonsistu fis-segwenti: (i) tal-11 ta' Jannar 2016 kontra l-attriċi rigward l-aċċess għal-minuri, a fol. 232, (ii) tat-30 ta' Ottubru 2015 kontra l-attriċi, minħabba argument li nqala' waqt ħin ta' aċċess hekk kif l-attriċi bdiet tinsulentah, tħabbat fuq il-vettura tal-konvenut, u tipponta subgħajha lejn ibnu G, a fol. 234, (iii) tas-27 ta' Lulju 2015 kontra l-attriċi għaliex meta ċempel biex isaqsi dwar il-kundizzjoni ta' ibnu ma ngħatatlu ebda informazzjoni, a fol. 239, (iv) tat-30 ta' Settembru 2012 kontra l-attriċi li ħebbet għalih waqt argument li huma kellhom ġewwa r-residenza tagħhom, a fol. 245.

[25] Fol. 189.

[26] Fol. 197.

[27] Fol. 193.

[28] Fol. 195.

qiegħda tiġi abbzuzata minn zewġha. J reġgħat għamlet kuntatt mal-attriċi, fejn din id-darba l-attriċi kkonfermat li kienet qiegħda titkellem fuqha nnifisha u li hi kienet li kellha bzonn l-protezzjoni minn zewġha. Tikkonferma li kienet hi li ċemplet lil Pulizija għall-għajnuna u dan f'isem l-attriċi;

vii. *Xhieda ta' Norma Baldacchino in rapprezetanza tal-iSptar Mater Dei*,[29] fejn npprezentat il-*file* mediku taz-zewġ partijiet;[30]

viii. *Ritratti allegatament mehuda wara inċident li seħħ nhar is-26 ta' Ġunju 2012,*;[31]

ix. *Ċertifikat mediku maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja datat 2 ta' Marzu 2013*, fejn ġie ċċertifikat li l-attriċi soffriet xi ġrieħi ħfief kawza ta' vjolenza da parti zewġha;[32]

x. *Ċertifikat mediku maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja datat 30 ta' Ottubru 2015*, fejn ġie ċċertifikat li l-attriċi soffriet xi grieħi kawza ta' vjolenza pperpetrata fuqha;[33]

xi. *Estratt tas-sentenza fl-ismijiet Pulizija Maġġur Josephine Gauci vs C B, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-12 ta' Jannar 2015*,[34] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment;

xii. *Estratt tas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs C B, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-20 ta' Mejju 2015*,[35] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment;

xiii. *Estratt tas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs C B, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-3 ta' Ġunju 2015*,[36] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment;

---

[29] Fol. 274.
[30] File mediku tal-attriċi, a fol. 293, filwaqt li l-file mediku tal-konvenut, a fol. 367.
[31] Fol. 389, 399.
[32] Fol. 396.
[33] Fol. 397.
[34] Fol. 401.
[35] Fol. 402.
[36] Fol. 403.

xiv. *<u>Estratt tas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs C B, deċiza mill-Qort tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Frar 2016</u>*,[37] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment;

xv. *<u>Kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Settembru 2016 kontra l-konvenut</u>*,[38] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.

*<u>Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi:</u>*

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut, ikkonferma li ltaqa' mal-attriċi fuq l-internet. Jispjega li matul iz-zmien li l-partijiet bdew isiru jaf lil xulxin, huwa kien qal lil-attriċi illi kien armel, kellu zewġ subien imwielda mill-ewwel zwieġ u li xtaq jibni familja. Konsegwentament jgħid li l-partijiet kienu ftehmu li jizzewġu u b'hekk il-konvenut ħa ħsieb kollox sabiex l-attriċi tiġi Malta. Fil-fatt jgħid li wara xi sena u nofs minn meta l-attriċi waslet Malta, huma zzewġu u kellhom tifel. Fl-istess xhieda, il-konvenut jirrileva li qabel ma zzewweġ lill-attriċi, huwa kien mizzewweġ darb' oħra, liema zwieġ kien dam tnejn u tletin (32) sena li matul l-imsemmi zmien huwa allegatament qatt ma kellu problemi serji ma' martu.

Il-verzjoni tiegħu kompliet tiġi elaborata fl-affidavit tiegħu. Il-konvenut jispjega illi madwar sentejn wara l-mewt tal-ewwel mara tiegħu beda jħossu waħdu u qabad il-passatemp tac-*chatting online* fuq pjattaforma soċjali fejn konsegwentamet iltaqa' virtwalment mal-attriċi. Jiġi rrilevat li matul iz-zmien li l-partijiet għamlu jiċċatjaw *online*, kienu jitkellmu kuljum u l-attriċi kienet ta' sikwit tesprimi mal-konvenut ix-xewqa li titlaq minn pajjizha minħabba l-faqar li kien hemm. Barra minn hekk, il-konvenut jikkontendi ukoll li l-attriċi kienet qaltlu li kellha raġel ġewwa l-Filippini, izda għaliha kien ifisser ħafna iktar il-konvenut. Madanakollu, il-konvenut jistqarr li huwa ma għandux idea dwar min hu dan ir-raġel, jew jekk saħansitra l-attriċi hijiex mizzewġa lilu ġewwa l-Filippini. Il-konvenut jammetti li maz-zmien beda jħoss affezzjoni lejn l-attriċi, tant li minn sempliċiment konversazzjoni *online*, il-partijiet spiċċaw f'relazzjoni intima. Kien proprju għalhekk li kienu ftehmu li l-attriċi tiġi Malta u tgħix mal-konvenut, tant li l-konvenut beda jirranġa għad-dokumenti neeċċessarji tal-attriċi

[37] Fol. 404.
[38] Fol. 596.

sabiex tiġi Malta. Il-konvenut jgħid li kien kuntent bil-wasla tal-attriċi ġewwa Malta, tant li ma kienetx ta' problema għalih li kellu jħallsilha kollox hu, jew li ġiet b'ta' fuqha senduqha.

Il-konvenut jispjega li mal-wasla tal-attriċi ġewwa Malta, l-partijiet bdew il-ħajja tagħhom flimkien. Ġie rilevat illi mal-ewwel ġimagħtejn, l-attriċi bdiet tinsisti li ssib impjieg, u l-konvenut jgħid li qatt ma ndaħlilha dwar dak li xtaqt tagħmel, għajr għal darba waħda biss meta l-attriċi sabet xogħol bħala *house keeper* bil-kundizzjoni li tgħix mal-familja li kienu ser jimpjegawha magħhom. Jingħad illi l-konvenut kien oġġezzjona għal dan għaliex huwa ried futur mal-attriċi u ma kienx stedina ġewwa Malta sabiex issib impjieg. Min-naħa l-oħra jiġi allegat li l-attriċi riedet tmur taħdem u tgħix ma' din il-familja, u l-konvenut beda jemmen li l-attriċi kienet uzatu sabiex tidħol ġewwa Malta. Il-konvenut jgħid illi l-attriċi miegħu ma kien jonqosha xejn, izda hi xorta waħda xtaqet li toħroġ taħdem, u meta bdiet taħdem, din bdiet tibgħat flusha lill-familjari tagħha u dan anke għaliex l-imsemmija familjari kienu ukoll iċemplulha fejn jinsistu magħha sabiex tibgħatilhom il-flus. Rigward din il-kwistjoni, il-konvenut bdiet tokru għajnejh għaliex maz-zmien, il-familjari bdew jitolbu iktar flus, u b'hekk il-konvenut beda jistaqsi lilu nnifsu dwar ir-raġuni vera għaliex l-attriċi aċċettat li tiġi Malta, hekk kif il-konvenut beda jħossu uzat bħala mezz sabiex titlaq minn pajjizha u tagħmel il-flus.

Konsegwentament jidher li l-attriċi għamlet ħbieb ma' mara ta' nazzjonalita' Filippina, bl-isem ta' K, u fil-fehma tal-konvenut l-affarijiet bdew jinbidlu, saħansitra anke l-attriċi, fejn maz-zmien bdiet issir iktar dominanti u possessiva. L-attriċi bdiet tinsisti mal-konvenut sabiex ikeċċi lill-uliedu subien mid-dar, u allegat ukoll li wieħed minn uliedu kien saħansitra ttanttaha. Dak iz-zmien il-konvenut ma kienx ħadha kontriha għaliex kien jemmen li l-attriċi kienet għadha trid taddatta għal ħajja ġdida. Izda maz-zmien il-konvenut beda jirrealizza illi l-attriċi bdiet togħbod lilu u lill-uliedu, fejn kienet qabdet l-attitudni illi toffendi lill-konvenut bil-mara li kellu, issabbat u twaddab l-affarijiet, kif ukoll tiġġieled u toffendi lill-uliedu, fejn darba minnhom waqt argument ippuntat sikkina lejn iben il-kbir tal-konvenut. Barra minn hekk, il-konvenut jirrakonta ukoll episodju fejn l-attriċi waqt argument mal-konvenut kienet sfrakassatlu wiċċu bil-grif u l-gdim. Skont il-konvenut, l-attriċi kienet saret inkontrollabbli u maħkuma minn frustrazzjoni kbira stante li kienet Malta ta' bilfors sabiex taqla' l-flus. Fil-fatt il-

konvenut jispjega illi darba fost l-orajn kien sabha mitlufa minn sensiha wara li kienet ikkunsmat ammont kbir ta' pinnoli bl-intiza li ttemm ħajjitha.

Wara li l-attriċi skopriet li kienet ħarġet tqila, is-sitwazzjoni komplet tiggrava. Il-konvenut jikkontendi li l-attriċi kienet irrabjata ferm meta ħarġet tqila għaliex ma kienetx fiċ-ċert jekk kienetx ser tkun f'pozizzjoni li tkompli taħdem *o meno,* u konsegwentament kien hemm il-problema dwar kif ser tkompli tibgħat il-flus lill-familjari tagħha. F'dak iz-zmien, il-konvenut jgħid li kien jibza' jħalliha waħedha għaliex kien jibza' li l-attriċi tagħmel xi waħda minn tagħha minħabba li kienet tbati minn attakki severi ta' paniku. Eventwalment twieled iben il-partijiet, D. Madanakollu wara t-twelid tal-minuri, l-attriċi kompliet bil-polemiki, għajjat u tisbit ta' qabel. F'dan iz-zmien l-attriċi kienet iktar minn qabel tagħmilha mal-ħabiba tagħha K li kienet qiegħda tidderiġi lill-attriċi sabiex tagħmel il-flus mis-sitwazzjoni kollha, u b'hekk l-attriċi rrealizzat li kien jaqblilha titlaq mid-dar halli tieħu l-manteniment mingħand il-konvenut filwaqt li tibbenefika mill-benefiċċji soċjali. Fil-fatt il-konvenut jgħid li l-attriċi kienet ta' sikwit tgħajjru u theddu bil-kliem *"I will put you on your knees"*, filwaqt li tipprovokah fejn waqt li jkollha t-tifel zgħir f'idejha, tgħidlu *"Come and hit me if you are a man"*. Nonostante dan id-disgwid kollu, il-konvenut jammetti li l-attriċi qatt ma ċaħdet lill-konvenut minn ħin ma' D.

Darba fost l-oħrajn, proprju lejliet il-Milied, il-konvenut sab li l-attriċi kienet ippakjat il-ħwejjeġ tagħha u qabdet argument mal-konvenut dwar l-ikla tal-Milied. Waqt dan l-argument, tfaċċaw tlett Pulizija u l-konvenut jgħid li huwa dlonk induna li dan kien kollu pjan tal-attriċi. Il-Pulizija qalu li kienu ser jieħdu lill-attriċi għand l-Aġenzija Appoġġ u dawn hekk għamlu. Wara xi nofs siegħa wara, il-konvenut jirċievi telefonata minngħand l-Aġenzija Appoġġ sabiex ikellmuh, u l-konvent mar hemmhekk, fejn ġie infurmat li l-attriċi kienet imdejqa u kienet ser tmur tgħix ġewwa 'Dar Merħba Bik'. Għalkemm il-konvenut ittenta jipprova jirranġa l-affarijiet, huwa jgħid li l-Aġenzija Appoġġ insistew li kellu jwassal lill-attriċi ġewwa 'Dar Merħba Bik'. Madanakollu l-konvenut jgħid li l-attriċi kienet dejjem tipprova tpenġi lilha nnifisha bħala l-vittma u ddawwar l-istorja kif jaqbel lilha. Fil-fatt minkejja l-allegata biza' li għandha l-attriċi mill-konvenut, dan tal-aħħar jgħid li l-attriċi dejjem tagħmel kif jfettlilha, u tmur u tiġi mid-dar matrimonjali skont kif ifettlilha.

Sabiex jikkorrobora l-verzjoni tiegħu, il-konvenut iressaq is-segwenti provi:

i. *Irċevuti tal-Western Union*, li jistabbilixxu li kienu jintbgħatu ammonti ta' flus minn Malta għal ġewwa l-Filippini fil-perjodu bejn Marzu 2009 u Ġunju 2010;[39]

ii. *Ittra mibgħuta lill-attriċi datata 9 ta' Far 2016 mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali*,[40] dwar il-benefiċċji li rċiviet fil-perjodu bejn l-1 ta Jannr 2015 u il-31 ta' Diċembru 2015;

iii. *Dokument datat 24 ta' April 2015 u maħruġ mic-Childcare bl-isem ta' Smartkids/Il-Pespus ġewwa l-Marsa*,[41] li jistabbilixxi li D B attenda ġewwa l-imsemmija *childcare* mill-1 ta' Otturbu 2013 sal-aħħar ta' Jannar 2015, hekk kif fi Frar 2015 kellu jibda l-*kindergarten*;

iv. *Dokument datat 26 ta' Ottubru 2009 miktub u ffirmat mill-konvenut u indirizzat lis-Sur Yuan Huo ġewwa d-Dipartiment tal-VISA fl-Ambaxxata ta' Malta ġewwa Beijing iċ-Ċina*,[42] fejn hemm imnizzel l-intenzjoni tal-konvenut li jizzewweġ lill-attriċi, u li ser jassumi r-responsabbilita' għar-residenza tagħha, manteniment u *benessere* waqt li din tkun qiegħda Malta;

v. *L-Affidavit ta' G B u ċjoe' l-ewwel iben il-konvenut*;[43]

vi. *L-Affidavit ta' H Mailak u ċjoe' it-tieni iben il-konvenut*;[44]

vii. *L-Affidavit ta' M B u ċjoe' oħt il-konvenut*;[45]

[39] Fol. 453 – Flus mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar l-10 ta' Marzu 2009, Fol. 454 – Flus mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar it-22 ta' Settembru 2009, Fol. 455 – Flus mibgħuta mil-konvenut lil Miriam M nhar i6-ta' Frar 2010, Fol. 456 – Flus mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar is-27 ta' Ottubru 2009, Fol. 457 – Flus mibgħuta mill-attriċi lil Lizza M nhar is-6 ta' April 2010, Fol. 458 – Flus mibgħuta mill-konvenut lil Meoliza nhar is-26 ta' Novembru 2009, Fol. 459 – Flus mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar is-27 ta' Ottubru 2009, Fol. 460 – Flus mibgħuta mill-attriċi lil Lizza M nhar il-21 ta' Ġunju 2010, Fol. 461 – Flus mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar id-19 ta' Novembru 2009, Fol. 462 – Flus mibgħuta mill-attriċi lil Lizza M nhar id-29 ta' Mejju 2010, Fol. 463 – Flus mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar it-22 ta' Settembru 2009.
[40] Fol. 465.
[41] Fol. 466.
[42] Fol. 467.
[43] Fol. 472.
[44] Fol. 474.
[45] Fol. 476.

viii. *Ix-xhieda tal-Psikjatra Dr David Cassar,*[46] li kkonferma li kemm il-konvenut u kif ukoll ibnu G ibatu minn mard mentali, izda l-marda tal-iben hija bil-bosta iktar severa minn dik tal-konvenut, fejn ipprezenta l-*clinical notes* relevanti;[47]

ix. *Ix-xhieda ta' PS 1579 Johann Mifsud,*[48] fejn ipprezenta seba' (7) rapporti li saru mill-konvenut kontra l-attriċi.[49]

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[50] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu

---

[46] Fol. 494.
[47] Fol. 497, 498.
[48] Fol. 523.
[49] Fejn ir-rapporti jikkonsisti fis-segwenti: (i) tat-30 ta' Settembru 2012, minħabba argument fejn l-attriċi bdiet twaddab xi affarijiet lejn il-konvenut u siċċat attakkatu fizikament, a fol. 526, (ii) tad-19 ta' Mejju 2016, minħabba argument mal-attriċi dwar l-aċċess u theddid verbali, a fol. 530, (iii) tat-12 ta' Diċembru 2016, minħabba li l-attriċi m'għadhiex tgħix fl-indirirzz *"495, Dar ta' Qalb ta' Ġesu', Santa Venera"*, a fol. 533, (iv) tat-30 ta' Ottubru 2015, minħabba kontra l-konvenut, minħabba argument li nqala' waqt ħin ta aċċess, l-attriċi bdiet isabbat mal-vettura u tinsulenta lill-konvenut u lill-ibnu, a fol. 535, (v) tas-27 ta' Lulju 2015, minħabba li ċempel id-Dar Qalb ta' Ġesu sabiex jiċċekja dwar il-kundizzjoni tat-tifel izda ma ngħata ebda informazzjoni, a fol. 540, (vi) tal-11 ta' Jannar 2016, minħabba aċċess għal ibnu, a fol. 542, (vii) tal-4 ta' Marzu 2016, minħabba messaggi li huwa rċieva minngħand l-attriċi li jgħidu *"Don't missed the news from today you would see me on tvm probably and if possible on Xarabank, I remember you put 3 Thousand euros on your disable son account from doing membrane in 2012, just wait for the news watch everyday"*, u *"Really you're mentally ill so your dangerous man for D, it etc can't take you to court and did nothing about my report got your job, edia is the only way exposed what you've done ok and it's good you stated here about your job; watch out on the media sooner ok"*, a fol. 545.
[50] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **K Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[51] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[52] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **K Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[53] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[54] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[55]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[56]

---

[51]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[52]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[53]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[54]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[55]**Genoveffa Magri vs. G Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[56]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

*b.* *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[57]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

"*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*".[58]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **K Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[59] fejn ġie dikjarat li:

"*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*c.* *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-

---

[57] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[58] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[59] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[60] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. G Xuereb noe**,[61] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

Wara li l-Qorti rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti dwar ir-raġuni għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attriċi tikkontendi illi z-zwieġ tal-partijiet

[60] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[61] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

falla minħabba adulterju, abbandun, vjolenza, eċċessi, moħqrija, theddid u nġuriji gravi. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jgħid illi z-zwieġ falla proprju minħabba l-attitudni dominanti u possessiva tal-attriċi, kif ukoll minħabba l-provokazzjoni tagħha, liema aġir irrenda l-ħajja flimkien impossibbli.

Il-Qorti tibda sabiex tinnota illi rigward l-allegat adulterju u abbandun da parti l-konvenut dawn ma ġewx ippruvati mill-attriċi sal-grad rikjest mil-liġi. Fil-fatt il-Qorti tara li l-attriċi ma resqet l-ebda prova rigward dawn iz-zewġ allegazzjonijiet vvantati minnha.

Ikkonfermat is-suespost, il-Qorti sejra tkompli tevalwa l-allegazzjonijiet ulterjuri msemmija mill-attriċi, u ċjoe' l-allegata vjolenza, theddid, eċċessi, moħqrija u nġurji gravi da parti l-konvenut. Il-Qorti rat l-episodji kollha ta' vjolenza u aggressjoni msemmija mill-attriċi, kif ukoll ix-xhieda u r-rapport maħluf tas-*social worker* Sarah Debono mid-*Domestic Violence Unit* ġewwa l-Aġenzija Appoġġ, ix-xhieda ta' Garyneth Zammit mic-*Child Protection Unit* ġewwa l-Aġenzija Appoġġ, l-affidavit ta' I J, rapporti magħmula mill-attriċi mal-Pulizija, ritratti u ċertifikati mediċi tal-attriċi.

Mil-provi hawn fuq imsemmija, il-Qorti tinsab konvinta illi l-konvenut kien kapaċi jkun vjolenti u aggressiv b'mod fiziku mal-attriċi. Fil-fatt il-Qorti tagħti piz probatorju lir-rapport maħluf tas-*social worker* Sarah Debono, f'liema rapport il-konvenut stess ammetta li ġieli refa' jdejh fuq l-attriċi u li huwa vjolenti, u barra minn hekk is-*social worker* stess ikkonfermat li rat marki vjola u ħomor fuq wiċċ l-attriċi wara wieħed mill-argumenti varji li kellhom il-partijiet.[62] Dawn il-provi flimkien mal-bqija tal-provi ezebiti, ma jħallu l-ebda dubju fil-Qorti illi l-konvenut kapaċi jkun vjolenti u aggressiv fizikament. Għaldaqstant ma jistgħax jingħad illi da parti l-konvenut kien hemm atti ta' vjolenza singolari u izolati. Għalkemm ma ġiet ipprezentata l-ebda sentenza kriminali fejn il-konvenut instab ħati ta' vjolenza fuq l-attriċi, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-konvenut huwa persuna b'demmu spont, li kapaċi jkun vjolenti fizikament jekk persuna tikkuntrarjah jew tipprovokah.

Barra minn hekk, il-Qorti tispeċifika illi l-vjolenza domestika ma tieħux biss forma fizika, izda anke' emozzjonali u morali. Il-Qorti tara li l-vjolenza pperpetrata fuq l-attriċi kienet ukoll ta' forma emozzjonali, u dan fid-dawl tar-

[62] Fol. 133 – 134, 137.

rapport maħluf tas-*social worker* Sarah Debono. Ma huwiex daqstant faċli sabiex wieħed jipprova l-abbuz emozzjonali fuq persuna, izda fil-kaz odjern il-Qorti għandha quddiemha rapport li jikkonferma tali abbuz, liema rapport sar minn nies li għixu l-kaz in kwistjoni, fejn ġie mnizzel illi nhar l-24 ta' Settembru 2012 f'telefonata mas-*social worker* l-attriċi nstemgħat anzjuza ferm u ġie kkonfermat illi *"Ms B also started receiving psychological help"*,[63] u kif ukoll li f'Ottubru/Novembru 2012 *"Ms B was attending sessions with her psychologist at the time"*.[64] Tali prova ma tħalli l-ebda dubju fil-Qorti dwar l-estramita' ta' abbuz li kienet qiegħda ssoffri minnu l-attriċi matul iz-zwieġ tagħha mal-konvenut.

Il-Qorti tissuspetta ukoll illi din il-vjolenza emozzjonali sfat tiġi pperpetrata fuq l-attriċi minħabba l-moħqrija li kienet għaddejja minnha. Il-Qorti tara illi apparti li l-konvenut ammetta b'mod sħiħ u volontarjament li huwa vjolenti fizikament mal-attriċi, jirrizulta li l-konvenut rrifjuta li jieħu l-għajnuna meħtieġa wara zewġ sessjonijiet biss u dan in vista li *"(he) refused to take responsibility for his actions and referred to his wife as being a 'possession' rather than a person"*.[65] Tali kumment jagħti idea ċara tal-pussess li l-konvenut għandu fuq l-attriċi, u dan probabilment għaliex kien hu li ħallas kollox sabiex l-attriċi setgħet tiġi Malta. Il-Qorti temmen li l-konvent iħoss ċertu awtorita' fuq l-attriċi, fejn minnflok hija perċepita bħala sieħba bi drittijiet u dmirijiet ugwali għal tiegħu, f'għajnejn il-konvenut hija sieħba inferjuri għalih u sottomessa għall-ordnijiet tiegħu. Fir-rapport tas-*social worker* Sarah Debono, toħroġ kemm-il darba din il-kwistjoni li l-attriċi ġiet mhedda li tintbagħat lura l-Filippini, liema verzjoni ma ġietx kontradetta mill-konvenut. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll li l-konvenut lanqas ma jikkontradixxi l-fatt li huwa kien ta' sikwit jipparaguna lill-attriċi mal-ewwel mara tiegħu, liema aġir indubjament jaf ikompli jkisser l-istima ta' persuna emozzjonalment u jqiegħed fuqha element ta' pressjoni u ansjeta' mhux mixtieqa.

Wara li għarblet il-provi kollha, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-konvenut qatt ma ħabb lill-attriċi bħalma ħabb lil l-ewwel mara tiegħu, u fil-verita' ma temminx li l-attriċi mliet il-vojt li l-ewwel mara ħalliet fil-konvenut wara l-mewt tagħha. Fil-fatt il-konvenut stess jammetti li huwa beda l-passatemp tac-*chatting* wara l-mewt tal-ewwel mara tiegħu għaliex beda jħossu waħdu, u dan jikkonferma li l-intenzjoni tal-konvenut primarjament kienet li jsib kumpanija. Għalkemm jista' jagħti kaz illi l-konvenut ħass ċertu ġibda lejn l-attriċi, il-Qorti

[63] Fol. 136.
[64] *Ibid.*
[65] Fol. 134.

temmen illi din kienet biss infatwazzjoni u mhux imħabba, tant li maz-zmien il-konvenut beda jirrealizza li huwa ma setgħax jissostitwixxi l-ewwel mara tiegħu bl-attriċi, għaliex il-probabilita' hi li dawn iz-zewġ nisa huma kompletament differenti minn xulxin.

Il-Qorti tissimpatizza mal-konvenut, izda l-aġir tiegħu mal-attriċi għandu jiġi deplorat u penalizzat. Jidher ċar li l-konvenut għandu rabja, u tali rabja jista' jagħti l-kaz li ġejja minħabba l-fatt li l-ewwel mara tiegħu mietet f'eta' zgħira u batiet mill-marda kiefra tal-kanċer. Sfortunatament jirrizulta li l-konvenut infexx jesprimi l-kunflitt li kellu fih innifsu permezz tal-vjolenza fizika, u kif ukoll vjolenza emozzjonali u dan sforz it-theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi. Madanakollu ma huwiex tollerat fis-soċjeta' ta' llum, u dan għal kwalsiasi raġuni, li persuna tiġi mentalment u fizikament imkissra, mhedda dwar il-futur tagħha, konsiderata bħala oġġett bla vuċi, u maħqura bil-kliem u l-aġir. Għaldaqstant il-Qorti ssib lill-konvenut ħati ta' vjolenza fizika u emozzjonali, theddid, moħqrija u nġurji gravi fil-konfront tal-attriċi. Madanakollu l-Qorti ma tistgħax issib lill-konvenut ħati ukoll ta' vjolenza ekonomika u eċċessi, u dan għaliex minkejja l-allegazzjonijiet tal-attriċi f'dan is-sens, dawn qatt ma ġew pruvati oġġettivament sal-grad rikjest mil-liġi.

Il-Qorti rat ukoll il-verzjoni tal-konvenut u l-allegazzjoni tiegħu li l-attriċi hija dominanti, possessiva u provokattiva. Fir-rigward ta' dawn l-allegazzjonijiet, il-Qorti rat l-affidavits ta' uliedu G u H, u oħtu M, ir-rapporti magħmula mill-konvenut mal-Pulizija, kif ukoll tar-rapport tas-*social worker* Sarah Debono. Għalkemm jidher li kien hemm istanzi fejn l-aġir tal-attriċi ma kienx wieħed ezemplari jew idoneju fiċ-ċirkostanzi, izda dan jidher bħala wieħed konsegwenzali għal mod kif l-konvenut kien jitratta lill-attriċi. Il-Qorti bl-ebda mod ma qiegħda tfaħħar jew taqbel mal-aġir tal-attriċi f'ċertu istanzi, izda l-konvenut ma setgħax jaqbad ċertu episodji u jikkunsdrihom f'kuntest izolat.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenut kif irrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni bejn il-partijiet insapportabbli, bil-konsegwenza li l-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin, fejn sussegwentament l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali sabiex tgħix ġewwa Dar Merħba Bik nhar l-24 ta' Diċembru 2012. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tiġi attribwita

unikament lil konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti ssib lil konvenut ħati ta' vjolenza, theddid, moħqrija u nġurji gravi fuq il-persuna tal-attriċi u dan abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba vjolenza kemm fizika u kif ukoll emozzjonali, theddid, moħqrija u nġuriji gravi fil-konfront ta' martu. Il-Qorti hija konvinta li fil-kaz odjern hemm lok illi jiġu applikati s-sanzjonijiet elenkanti fil-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

### 4. Manteniment lill-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut iħallas manteniment adegwat għaliha personali. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-attriċi tikkontendi illi *"prezentement, għalkemm l-esponenti qedha taħdem u għandha paga minima fix-xahar, hija xorta waħda mhux qed tleħħaq mal-ispejjez tagħha u tal-minuri partikolarment tenut kont il-kirja tal-post fejn qed tirrisjedi; Għal dawn il-motivi, teut kont li l-intimat għandu jkun unikament responsabbli għall-firda, l-esponenti m'għandhiex titlef "il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ", u dan skont kif dettat fl-Artikolu 48(1)(d) tal-Kap*

*16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma li l-intimat għandu jgħaddi manteniment adegwat u regolari lill-esponenti personalment sabiex tkopri għall-ispejjez kollha li qed tirrinfaċċja ta' kuljum kemm għaliha u anke għall-minuri, inkluz il-kirja ta' post peress li kellha titlaq mid-dar matrimonjali għas-sigurta' tagħha u tal-minuri".*[66] Min-naħa l-oħra, il-konvenut qiegħed joġġezzjona għal tali talba u dan abbazi tlett (3) binarji, ċjoe: (i) l-attriċi tipperċepixxi minn benefiċċji soċjali, (ii) l-attriċi taħdem ukoll bħala *helper* filwaqt li tieħu lill-minuri ġewwa *childcare centre*, u (iii) kienet l-attriċi li abbandunat id-dar matrimonjali.

Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-attur, din tal-aħħar għandha l-jedd li titlob il-manteniment minn għand zewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miz-zwieġ. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[67]

Fid-dawl tas-seuspost, il-Qorti titfa' ħarsitha fuq l-introjtu tal-partijiet fejn jirrizulta li:

i. L-attriċi tinsab f'impjieg, fejn taħdem bħala *cleaner* fuq bazi *full-time* b'introjtu nett ta' tmien mitt Ewro fix-xahar (€800),[68] liema introjtu ma ġiex ikkorraborat permezz ta' xhieda jew dokumenti ulterjuri. Barra minn hekk mill-atti jirrizulta ukoll illi flimkien mal-introjtu msemmi, l-attriċi tipperċepixxi ukoll minn benefiċċji soċjali, senjatament l-allowance għat-tfal u l-għajnuna soċjali ċjoe' it-*tapering of benefits*;[69] u,

ii. Il-konvenut huwa *self-employed* fejn jaħdem bħala *entertainer* fuq bazi *part-time* u dan kif ġie kkorraborat permezz tal-*employment history*.[70] Il-konvenut

[66] Fol. 669.
[67] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.
[68] Fol. 591, 667.
[69] Ara x-xhieda ta' Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, a fol. 518, dettata minnu nhar il-24 ta' Frar 2017, fejn ipprezenta dokumenti rigward il-benefiċċji soċjali li tipperċepixxi minnhom l-attriċi, a fol. 520.
[70] Fol. 290.

iddikjara li minn dan ix-xogħol huwa jaħdem il-Ħdud fejn għal sagħtejn, jaqla' ħamsin Ewro (€50) u b'hekk idaħħal madwar mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat – liema verzjoni ma ġietx korraborata permezz ta' xhieda jew dokumenti ulterjuri. Magħdud ma' dan mill-atti jirrizulta ukoll li l-konvenut jipperċepixxi minn benefiċċji soċjali, u dan kif ikkonfermat minnu stess u mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.[71]

Għalhekk jirrizulta li l-mezzi taz-zewġ partijiet huma minimi. L-attriċi tikkontendi illi a kuntrarju tal-konvenut, hi trid tħallas il-kirja tal-post fejn qiegħda tgħix, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u kif ukoll diversi spejjez relatati mal-minuri.[72] Fil-fehma tal-attriċi, il-konvenut ma għandu l-ebda spejjez relatati mad-dar matrimonjali peress li l-fond in kwistjoni huwa tal-*Housing Authority*, u tkompli tgħid ukoll illi l-konvenut għandu bizzejjed dħul li allegatament ġej mill-benefiċċji soċjali, mix-xogħol tiegħu bħala *entertainer* u kif ukoll mix-xogħol fil-*membrane*.[73]

Il-Qorti ma taqbilx mal-assunzjonijiet tal-attriċi u dan għar-raġunijiet segwenti. Jingħad illi ma hemm l-ebda prova rigward ix-xogħol tal-*membrane* allegat mill-attriċi, u l-konvenut jinnega tali allegazzjoni.[74] L-istess jingħad fir-rigward tal-kirja tal-attriċi u kif ukoll tad-dar matrimonjali, hekk kif minkejja li l-attriċi tallega illi hi għandha diversi spejjez u dan a kuntrarju tal-konvenut, ma jirrizultax li l-attriċi resqet prova f'dan is-sens. Kien ikun opportun kieku l-attriċi pprovdiet rendikont u prova tal-kera li hi qiegħda tħallas, kif ukoll kopja tal-kuntratt dwar l-istess kirja. Barra minn hekk, rigward id-dar matrimonjali, il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar it-titolu tal-istess u b'hekk sabiex tikkorrabora l-allegazzjoni tagħha, l-attriċi kellha ukoll il-fakolta' li tressaq rapprezentant tal-*Housing Authority* u kif ukoll tad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku (Sezzjoni tar-Riċerki). Għaldaqstant il-Qorti ma għandha l-ebda prova li l-attriċi għandha iktar spejjez mill-konvenut, anzi jista' jingħad illi l-prova li għandha quddiemha turi li l-attriċi għandha ftit iktar dħul mill-konvenut fix-xahar u dan in vista li mill-impjieg tagħha hi ddaħħal is-somma ta' €800, filwaqt li l-konvenut idaħħal €200, u *di piu'* mal-imsemmi dħul iz-zewġ partijiet idaħħlu ukoll it-*tapering of benefits*. Għalkemm il-Qorti kienet tippreferi kieku kellha prova konkreta dwar id-dħul tal-

---

[71] Ara x-xhieda tal-konvenut, a fol. 612, u kif ukoll fol. 518 u 521, fejn ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fix-xhieda tiegħu ta' nhar il-24 ta' Frar 2017 ikkonferma illi l-konvenut jipperċepixxi minn *tapering of benefits* u dan filwaqt li jaħdem.
[72] Fol. 667.
[73] Fol. 668.
[74] Ara x-xhieda tal-konvenut tas-6 ta' Marzu 2020, a fol. 612.

partijiet mix-xogħol rispettiv tagħhom, f'dan l-istadju tista' biss toqgħod fuq il-kelma tagħhom.

Għaldaqstant f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti bħalma għamlet għal dan l-aħħar zmien. Madanakollu u fi kwalunkwe l-kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-zewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Mantaniment għall-Minuri:

Miz-zwieġ tal-partijiet twieled tifel wieħed, u ċjo' D B, imwieled nhar it-23 ta' Frar 2012.[75] Dan ifisser illi fil-prezent il-wild għandu disa' (9) snin u b'hekk għadu minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-minuri hija dik ta' kura u kustodja u konġunta bejn iz-zewġ partijiet, fejn il-minuri jirrisjedi ma' ommu izda l-konvenut għandu d-dritt ta' aċċess għal minuri skont l-aħħar digriet mogħti fil-mori tal-kawza nhar is-7 ta' Awwissu 2018.[76] Fir-rigward ta' manteniment, mill-atti jirrizulta illi permezz ta' digriet datat 11 ta' Awwissu 2016,[77] il-konvenut ġie ordnat iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar għall-minuri, liema somma tinkludi ukoll sehem il-konvenut mill-ispejjez għas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri. Il-Qorti tinsab konvinta li D daħal f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri nnifsu.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa

[75] Fol. 675.
[76] Fol. 577.
[77] Fol. 443.

interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[78] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[79] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[80] u **K Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[81] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[82] u **Marlon Grech vs Charlene**

[78]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[79]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[80]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[81]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[82]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).

**Banks**[83] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi"*. L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

[83] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Fil-prezent D B, għadu minorenni u b'hekk għadu taħt is-setgħa tal-ġenituri tiegħu. Il-Qorti tara li l-attriċi hija tal-fehma illi hija għandha tiġi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri, izda min-naħa l-oħra l-konvenut jrid li din tibqa' konġunta bejn il-partijiet.

Illi ma hemm l-ebda dubju li z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser primarjament minħabba l-aġir vjolenti u aggressiv tal-konvenut. Madanakollu, apparti dawk il-provi li jiffokaw fuq l-aġir tal-konvenut, il-Qorti għandha l-obbligu li tara ukoll dawk il-provi li jagħtu stampa tar-relazzjoni li l-missier għandu ma' ibnu D. Għal dan il-għan, il-Qorti tara:

i. Minkejja li nhar is-6 ta' Mejju 2015, l-attriċi pprezentat rikors fejn *inter alia* talbet sabiex *pendente lite* tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri,[84] permezz ta' digriet datat 20 ta' Mejju 2015,[85] il-Qorti ċaħdet tali talba;

[84] Fol. 63.
[85] Fol. 69.

ii. Is-*social worker* Garyneth Zammit mit-taqsima Child Protection fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, xehdet illi *"malli Mrs B telqet mid-dar dan il-periklu (ta' argumenti) spiċċa"*;[86]

iii. Minkejja li nhar it-18 ta' Novembru 2015, l-attriċi pprezentat rikors fejn talbet *inter aia* li tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri,[87] permezz ta' digriet datat 25 ta' Novembru 2015 il-Qorti ċaħdet tali talba filwaqt li ordnat li jsir aċċess fejn il-konvenut kellu jibda jiġbor lill-minuri minn ħdejn l-Għassa tal-Ħamrun u jirritornah lura, filwaqt li ma jkunx akkumpanjat minn terzi persni.[88] Sussegwentament permezz ta' digriet ulterjuri datat 8 ta' Frar 2016 il-Qorti ordnat li l-aċċess in kwistjoni għandu jsir taħt is-supervizjoni tal-Aġenzija Appoġġ darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs u dan fil-ġranet u ħinijiet stabbiliti mill-Aġenzija Appoġġ stess;[89]

iv. In-nota tal-Aġenzija Appoġġ datat 17 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti ġiet infurmata li sussegwentament għad-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2016, beda jinzamm aċċess b'supervizjoni tal-missier mal-minuri u dan b'effett mid-9 ta' Mejju 2016. Ġie kkonfermat illi *"l-andament tal-aċċess kien wieħed tajjeb, fejn il-minuri ha pjacir li ra lill-missieru u l-missier u l-minuri ghaddew il-hin jilghabu u jitkellmu"*;[90]

v. Wara r-rikors intavolat mill-konvenut nhar it-22 ta' Ġunju 2016 sabiex ma jibqgħax jara lill-ibnu taħt supervizjoni,[91] permezz ta' digriet datat 7 ta' Lulju 2016 il-Qorti talbet il-gwida tal-Aġenzija Appoġġ,[92] fejn din tal-aħħar permezz ta' nota datata 8 ta' Awwissu 2016 infurmat lill-Qorti sabiex l-aċċess f'dak l-istadju jibqa' taħt supervizjoni.[93] Għaldaqstant permezz ta' digriet datat 9 ta' Awwissu 2016, il-Qorti ċadet it-talba tal-konvenut izda ordat li tali aċċess għandu jsir nhar ta' Sibt wara it-3.30 ta' wara nofsinhar f'postijiet pubbliċi, fejn għal tali aċċess setgħu jattendu ukoll ħut il-minuri D, ċjoe' G u H;[94]

[86] Fol. 130.
[87] Fol. 161.
[88] Fol. 175.
[89] Fol. 184.
[90] Fol. 406.
[91] Fol. 409.
[92] Fol. 415.
[93] Fol. 417.
[94] Fol. 419.

vi. In-nota tal-Aġenzija Appoġġ tat-12 ta' Diċembru 2016, fejn il-Qorti ġiet infurmata li *"l-access bejn il-missier u l-minuri ibnu D ta' erba snin qieghed jinzamm regolarment darba fil-gimgha, liema access isir barra f'postijiet ta' rekreazzjoni bhal bandli, fejn is-supervisor twassal lill-minuri ghall-access u jqattgha l-hin ma' missieru u hutu l-kbar. Li l-minuri jiehu pjacir mal-familja tieghu u jidher li ghalkemm ghadu zghir fehem meta jkun se jqatta hin ma' missieru u hin ma' ommu separatament. Li l-partijiet dejjem ikkoperaw sabiex l-access jimxi sew u qatt ma kien hemm diffikultajet"*;[95]

vii. Ix-xhieda tas-*Senior Social Worker* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, Adriana Gellel, fejn ġie kkonfermat taħt ġurament illi *"minn dak li naraw waqt l-access s-sur B ghandu relazzjoni tajba mat-tifel u jaf jinzel ghal-livell tieghu"*;[96]

viii. Ix-xhieda tas-*supervisor* waq il-ħin tal-aċċess, Chanel Debono, fejn iddikjarat illi *"ma nara ebda problema waqt l-access u l-missier ghandu rwol tajjeb ta' missier"*;[97]

ix. Nota tal-Aġenzija Appoġġ datata 17 ta' Mejju 2017, fejn ġie ddkjarat illi *"illi l-access jinzamm barra mill-bini tal-Agenzija f'postijiet fejn ikun ippjana l-missier u fejn il-minuri jkun jkun jidher li qed jehu pjacir fil-kumpanija tal-missier. Illi l-minuri jiltaqa' ma' membri tal-familja paterna waqt l-access u jidher illi ghandu relazzjoni tajba maghhom. Illi waqt l-access il-missier juri illi ghandu hiliet tajba biex jiehu hsieb lill-minuri, jitkellem mieghu f'livell adattat ghall-eta' tal-minuri u jilghab mieghu bla diffikulta'. Illi l-minuri min-naha tieghu jidher li jkun kuntent u jifrah b'missieru. Illi l-imgieba tal-minuri waqt l-access marret ghall-ahjar u l-minuri gieli wera x-xewqa li jibqa' ghal aktar hin mal-missier"*.[98] Għaldaqstant ġie rrakkomandat *"li l-minuri jkollu sleepover mal-missier fid-dar matrimonjali fejn il-minuri trabba u dan billi l-missier imur jigbor lill-minuri mill-iskola primarja ta' San Giljan nhar ta' gimgha kif jispicca l-iskola u jibqa' mieghu sas-Sibt filwaqt li rapprezentant tal-Agenzija jmur fl-*

95 Fol. 481.
96 Fol. 523.
97 Fol. 524.
98 Fol. 549.

*access wara nofsinhar nhar ta' Sibt sabiex jara li jkun kollox mar sew u jiehu lill-minuri ghand l-omm"*;[99]

x. Wara rikors intavolat mill-konvenut nhar it-30 ta' Mejju 2018,[100] sabiex jiġu estizi l-ġranet u l-ħinjiet tal-aċċess, il-Qorti permezz ta' digriet datat 30 ta' Ġunju 2018 ħatret lill-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea sabiex tkellem lill-minuri u konsegwentament tirrelata dwar x'inhu idoneju fiċ-ċirkostanzi.[101] Għal dan il-għan, l-Avukat tat-Tfal ipprezentat rapport maħluf nhar is-6 ta' Awwissu 2018,[102] fejn wara li tkellmet mal-minuri hija osservat illi *"D huwa tifel ferhan u ghandu relazzjoni tajba kemm m'ommu kif ukoll ma' missieru. Illi D gieli ra lil genituri teghu jiggieldu mhux biss bil-kliem imma anke fizikament, u dana fil-prezenza tieghu. Pero huwa dejjem jigi trattat tajjeb u b'imhabba miz-zewg genituri tieghu. Illi D jixtieq jara lil missieru aktar ta' spiss, bhal zewg darbiet fil-gimgha minflok darba. Huwa jixtieq ukoll li jorqod ghand missieru ghal sleepover wahda fil-gimgha. Illi D ma jibzax minn missieru u ma jiddejjaqx li jkun ma' missieru wahdu, minghajr supervisor"*. Għaldaqstant irrakomandat illi t-talba tal-konvenut għandha tkun milqugħa. B'hekk il-Qorti permezz ta' digriet datat 7 ta' Awwissu 2018,[103] ordnat *"l-access ikun nhar ta' Tlieta u ta' Hamis u, fil-weekend mill-Gimgha fis-2:30pm sas-Sibt fl-4:00pm. Il-Qorti tordna li l-minuri jingabar ghall-access mill-Ghassa tal-Pulizija vicin ir-residenza tal-omm u jerga' jigi ritornat hemm fi tmiem l-access, inkluz il-missier ghandu jieħu lill-minuri ghall-attivitajiet li jkollu li jinzertaw waqt l-access, u /jew l-omm hi wkoll marbuta b'dan il-mod"*.

L-attriċi hija tal-fehma illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja ma tibqgħax konġunta bejn il-partijiet stante *"mill-provi jirrizulta paċifikament illi l-intimat kien vjolenti mal-esponenti, u kien issottopniha għall-abbuz psikoloġiku, finanzjarju u kif ukoll fiziku, tant illi kien anke ħebb għaliha quddiem il-minuri u weġġa' anke lill-minuri fuq ammissjoni tiegħu stess mal-ħaddiema soċjali. In oltre, l-intimat ipprefera jidħol il-ħabs, milli jonera l-obbligi legali tiegħu u jħallas lill-esponenti manteniment għaliha u għall-wild minuri, filwaqt li kien anke jikkontrolla l-passi tagħha, jekk għandix toħroġ taħdem u sabiex tmur*

[99] *Ibid.*
[100] Fol. 568.
[101] Fol. 574.
[102] Fol. 575.
[103] Fol. 577.

*taħdimlu d-dar bħala maid".*[104] Madanakollu l-Qorti tara li mill-provi jirrizulta ukoll li bejn il-konvenut u l-minuri tezisti relazzjoni tajba, tant illi l-Aġenzija Appoġġ ikkonfermat illi l-konvenut għandu l-ħiliet tajba sabiex jieħu ħsieb lill-minuri, u magħdud ma' dan il-Qorti ma tistgħax tinjora l-opinjoni ta' D meta dan tkellem mal-Avukat tat-Tfal, hekk kif dan ikkonferma illi huwa dejjem ġie trattat tajjeb u b'imħabba minn missieru.

Fil-fehma tal-Qorti, il-*punto di partenza* f'din il-kwistjoni għandha tkun illi l-partijiet m'għadhomx jgħixu taħt l-istess saqaf, u hekk kif ikkonfermat is-*social worker* tat-taqsima tac-*Child Protection* fi ħdan l-Aġenzja Appoġġ, il-periklu ma għadux jezisti u dan għaliex fil-verita' il-vjolenza qatt ma kien immirata direttament lejn il-minuri. Magħdud ma' dan, il-Qorti ma ratx li l-attriċi qatt ilmentat jew ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li matul l-aċċess jew *sleepovers* għand il-konvenut, dan tal-aħħar kien traskurat, negliġenti u/jew li pperpetra vjolenza jew theddid fuq il-persuna tal-minuri. Għaldaqstant il-Qorti hija moralment konvinta li z-zewġ ġenituri qegħdin jaġixxu bil-*bonus paterfamilias* u fl-aħjar interessi tal-minuri. Minkejja li l-attriċi titlob li tiġi esklussivament fdata bil-kura u kustodja ta' binhom, jirrizulta illi sa mill-2012, u ċjoe' meta l-attriċi tleqet mid-dar matrimonjali, ma kien l-ebda problema *per se* dwar it-trobbija tat-tifel.

Il-Qorti tispjega li għalkemm il-konvenut zbalja meta aġixxa hekk kif rakkontat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, jirrizulta ampjament ċar illi l-konvenut imur tajjeb u jieħu ħsieb sew lill-minuri u dan kif ikkonfermat minn professjonisti fil-qasam. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tarax għaliex għandha tafda l-kura u kustodja esklussivament f'idejn l-attriċi, hekk kif fiċ-ċirkostanzi ma jagħmilx sens li jsir xi tibdil, speċjalment issa li l-minuri qabad jitfarfar. Għaldaqstant, il-kura u kustodja tal-minuri għandha tibqa' fdata liz-zewġ partijiet b'mod konġunt, b'dana illi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-omm ġewwa Malta, f'dik ir-residenza hekk stabbilita minnha għaliha nnifisha u għal binha. Madanakollu, il-Qorti temmen li jkun idoneju li fi kwalukwe kaz l-Aġenzija Appoġġ għandha ssegwi il-minuri u l-partijiet bil-mod li jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi anke minħabba li l-partijiet ma humiex kapaċi jikkomunikaw flimkien b'mod amikevoli. Id-deċizjonijiet ordinarji tal-ħajja ta' kuljum tal-minuri għandhom jittieħdu mill-omm waħedha stante li l-minuri ser ikun qiegħed jirrisjedi magħha, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar, għandhom jittieħdu mill-partijiet b'mod konġunt. Huwa importanti li l-konvenut

[104] Fol. 664.

ikun konsistentament mgħarraf dwar kwalsiasi kwistjoni u progress li jirrigwardaw is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Barra minn hekk u fir-rigward ta' applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir bl-awtorizzazzjoni taz-zewġ partijiet, izda l-imsemmi passaport għandu jinzamm fil-pussess esklussiv tal-attriċi.

Magħdud mal-premess, u in vista li l-minuri għandu jibqa' jgħix mal-omm, il-Qorti tara li l-konvenut għandu jkollu aċċess adegwat ma' ibnu. Kif ingħad iktar 'il fuq, fil-mori ta' din il-kawza ma kienx hemm iktar rikorsi dwar l-aċċess ta' D wara l-aħħar digriet tal-Qorti ta' nhar is-7 ta' Awwissu 2018. B'hekk l-aċċess tal-konvenut għal ibnu għandu jibqa' ezerċitat bl-istess mod bħal qabel, u ċjoe' l-aċċess għandu jkun nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis u, fil-*weekend* mill-Ġimgħa fis-2:30pm sas-Sibt fl-4:00pm, fejn il-minuri għandu jinġabar għall-aċċess mill-Għassa tal-Pulizija l-iktar viċin tar-residenza tal-omm u jerga' jiġi rritornat hemm fi tmiem l-aċċess, filwaqt li l-missier għandu jieħu lill-minuri għall-attivitajiet li jkollu li jinzertaw waqt l-aċċess.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikompli jgħix ma' ommu, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Tali obbligu huwa rikonoxxut mill-konvenut stess fir-risposta ġuramentata tiegħu, fejn jgħid *"illi huwa dispostissimu li jhallas manteniment ghall-minuri li jirrispekkja l-introjtu tieghu"*.[105] Fil-fatt fil-prezent u ai termini ta' digriet tal-Qorti ta' nhar il-11 ta' Awwissu 2016, il-konvenut qiegħed iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjez għas-saħħa u l-edukazzjoni.[106] Madanakollu, l-attriċi fil-kontro-ezami tagħha ta' nhar il-25 ta' Marzu 2019 saħqet illi *"C is currently paying €230 every 4 weeks directly from social service, however there are arrears. He should be paying €250 a month but instead he is paying €230 every 4 weeks. The arrears are shown in this document I am exhibiting which was prepared for me by Dr Stephanie Caruana upon information given by myself"*.[107]

Qabel mal-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi rigward id-determinazzjoni tal-manteniment, jiġi nnutat illi l-attriċi qiegħda tippretendi ukoll l-arretrati tal-manteniment għall-minuri, liema kwistjoni ġiet sollevata mill-attriċi fil-kontro-

[105] Fol. 21.
[106] Fol. 443.
[107] Fol. 592.

ezami tagħha,[108] u konsegwentament fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha,[109] fejn qiegħda titlob is-somma ta' €7,614.28,[110] u dan għall-perjodi bejn it-2 ta' Mejju 2014 u l-5 ta' Mejju 2015, kif ukoll mis-6 ta' Mejju 2015 sad-19 ta' Mejju 2016.[111] Min-naħa l-oħra, il-konvenut jinnega li hemm xi arretrai li għad iridu jitħallsu minnu.[112]

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis,** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007, fejn il-mara bdiet kawza ta' separazzjoni kontra zewġha, fejn *inter alia* talbet lill-Qorti tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attriċi. Jirrizulta illi permezz ta' digriet *pendente lite* s-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili kienet ordnat li r-raġel iħallas manteniment lil martu, liema diġriet ġie onerat mir-raġel għal sitt (6) xhur biss, u dan minkejja li tali ordni qatt ma ġiet varjata. B'hekk il-mara, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, vvantat pretensjoni fl-ammont ta' Lm8,000 rapprezentanti arretrati ta' manteniment. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti njorat kompletament tali pretensjoni u *rebus sic stantibus* ċaħdet it-talba tal-mara għall-manteniment sakemm zewġha isib xogħol bi qligħ. Għaldaqstant, il-mara pprezentat rikors ta' appell ibbazat fuq aggravju wieħed, u ċjoe' li l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta ddeċediet li ma tiffisax manteniment lilha imqar billi tordna l-ħlas ta' arretrati ta' manteniment. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, izda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi*". B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda

[108] *Ibid.*
[109] Fol. 668.
[110] Fol. 595.
[111] Matul dan iz-zmien kienu ingħataw numru ta' digrieti rigward il-manteniment dovut mill-konvenut, senjatament: (i) id-digriet tal-21 ta' Mejju 2014 fejn il-konvenut kien ordnat iħallas €250 għall-attriċi personalment u €200 għall-minuri, (ii) digriet tas-6 ta' Mejju 2015 fejn il-konvenut kien ordnat iħallas manteniment ta' €300 u dan oltre l-ispejjez għas-saħħa u edukazzjoni, (iii) digriet tal-11 ta' Awwissu 2016 fejn il-konvenut kien ordnat iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar liema somma tinkudi sehemu mill-ispejjez tas-saħħa u edukazzjoni.
[112] Fol. 628.

tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fiċ-ċirkostanzi odjerni l-pretensjoni tal-attriċi ma hijiex merament asserzjoni izda hija waħda ppruvata, fondata u ġusta. Il-Qorti tara illi l-provi li ressaq il-konvenut bħala ħlas ta' manteniment u ċjoe': (i) dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li l-attriċi tħallset is-somma ta' €2,141.39 u dan għal perjodu bejn it-13 ta' Awwissu 2016 u l-5 ta' Mejju 2017,[113] (ii) il-mamma ta' 3 ċekkijiet maħruġa fl-2016 fl-ammont globali ta' €600,[114] (iii) il-mamma ta' ċekk fl-ammont ta' €1,000 maħruġ nhar l-4 ta' Settembru 2018 u dan sabiex ikopri l-perjodu ta' bejn Marzu sa Lulju 2016,[115] liema somma ġiet ikkonfermata mill-attriċi stess,[116] u (iv) dikjarazzjoni tal-attriċi li l-konvenut ħallas is-somma ta' €900 fil-Qorti,[117] li flimkien jammontaw għas-somma ta' €4,641.39. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Salvu Attard vs Salvu sive Sammy Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex, nhar il-14 ta' Mejju 2007, fejn ġie ribadit illi: "*Min jallega l-pagament għandu l-oneru li jagħti l-prova li l-obbligazzjoni ġiet estinta bil-ħlas. Għalkemm huwa minnu li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tingħata mhux biss b'riċevuti li, b'ċerta finalita' jattestaw l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, iżda din il-prova tista' tinġieb ukoll b'mezzi oħra. Fl-assenza ta' riċevuti, pero', il-prova trid tkun tali li ma tħalli ebda dubbju f'moħħ il-ġudikant*".

Għaldaqstant il-Qorti rat il-provi mressqa mill-konvenut u l-pretensjoni tal-attriċi, u waslet għal konkluzjoni li l-konvenut ma ressaqx prova ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu kollu bejn Mejju 2014 sa Mejju 2017, u b'hekk il-konvenut fadallu bilanċ ta' ħlas a favur l-attriċi ta' €7,658.61.[118] Dan ifisser li l-pretensjoni tal-attriċi hija waħda korretta u s-somma in kwistjoni f'arretrati ta' manteniment a

[113] Fol. 640.
[114] Fol. 641, 643, 644.
[115] Fol. 642.
[116] Fol. 595.
[117] *Ibid.*
[118] Dawn l-arretrati ġew maħduma hekk: (i) fil-perjodu bejn Mejju 2014 sa Mejju 2015, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €450 f'manteniment (inkluz dak dovut lill-attriċi personalment), u ċjoe' is-somma komplessiva ta' €5,850 (ċjoe' €450 x 13-il darba peress li kellu jitħallas kull erba' ġimgħat), (ii) bejn il-perjodu bejn Ġunju 2015 sal-11 ta' Awwissu 2016, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €300 fix-xahar, u ċjoe' is-somma komplessiva ta' madwar €4,200 (€300 x 14-il darba), (iii) bejn il-perjodu bejn Settembru 2016 sa Mejju 2017, u ċjoe' sakemm il-konvenut beda jħallas b'mod effettiv il-manteniment, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €250 fix-xahar, u ċjoe' €2,250 (€250 x 9 darbiet) – li jammontaw għaċ-ċifra totali ta' €12,300. Minn din is-somma, il-konvenut irnexxielu jipprova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li ħallas is-somma ta' €4,641.39. B'hekk il-Qorti kellha tnaqqas is-somma ppruvata mill-konvenut minn dik is-somma globali ta' €12,300, fejn jibqa' bilanċ ta' €7,658.61.

favur l-attriċi għandha tiġi kkunsidrata fl-ambitu ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Magħdud mal-premess u fir-rigward ta' determinazzjoni ta' manteniment, il-Qorti tara li fil-kaz odjern iz-zewġ partijiet għandhom introjtu baziku. F'kazijiet fejn si tratta l-introjtu ta' din in-natura, il-Qorti dejjem tordna l-ħlas tas-somma minima ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment u s-somma ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) għall-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajet extra-kurrikulari – liema somma fil-kuntest odjern hija raġjonevoli. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut u dan ġialadarba l-minuri D B ser ikompli jabita ma' ommu, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal D B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-istess minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-wild jaghzel li jmur ighix ghal rasu wara li jsir maġġorenni, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

6. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar id-9 ta' April 2010, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tal-Istess*

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, mill-atti jirrizulta illi l-konvenut biss għandu kontijiet bankarji ntestati f'ismu personali:

i. 2000056800-5 mal-APS Bank bħala *savings account*;[119]
ii. 40018560893 mal-Bank of Valletta plc bħala *savings account*;[120]
iii. 40017845784 mal-Bank of Valletta plc bħala *savings account*;[121]

Madanakollu min-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi jidher illi l-attriċi fil-prezent għandha kontijiet bankarji f'isimha personali. Għaldaqstant u f'dan ir-rigward, il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha zzomm il-kontijiet li għandha ntestati fuq isimha inkluz l-bilanċ ta' flus li jinsabu fih.

Fir-rigward tal-vetturi msemmija, u ċjoe': (i) vettura tat-tip Land Rover Series 2, bin-numru ta' reġistrazzjoni EAM-994, irreġistrata fuq isem il-konvenut sa mid-19 ta' April 1996,[122] u (ii) vettura tat-tip Piaggio Porter, bin-numru ta' reġistrazzjoni SSL-002, irreġistrata fuq isem il-konvenut sa mit-23 ta' Frar 2009,[123] il-Qorti tara li dawn kienu mixtrija mill-konvenut sa minn qabel ma zzewweġ lill-attriċi, u b'hekk tali vetturi qatt ma kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu, il-konvenut jikkonferma illi dawn il-vetturi ġew mibjugħa lill-oħtu M B versu l-prezz totali ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) sabiex b'hekk ikun f'pozizzjoni li jħallas xi spejjez legali u/jew manteniment.[124] Sabiex jikkorrabora dan huwa pprezenta l-*logbooks* taz-zewġ vetturi in kwistjoni.[125]

[119] Fol. 77.
[120] Fol. 78.
[121] Fol. 80.
[122] Fol. 277, 279.
[123] Fol. 277, 278.
[124] Fol. 613, 631.
[125] Fol. 637, 639.

Il-Qorti tara illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tiddikjara li qiegħda tippretendi nofs is-somma li l-konvenut daħħal mill-bejgħ tal-imsemmija vetturi. F'dan ir-rigward il-Qorti tispjega li somma derivanti minn proprjeta' li ma tkunx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, tali somma tkun parafernali. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mhux appellata, fl-ismijiet **Diane Fenech vs Elio Fenech**, deċiża minn din il-Qorti nhar il-25 ta' Frar 2021, fejn ġie mgħallem illi: "*Dan ifisser li somma derivanti minn proprjeta' parafernali tibqa' xorta waħda parafernali, izda f'kaz li tali flus jintuzaw matul iz-zwieġ, tali parti fiz-zwieġ li lilha jappartjenu l-flus parafernali, jibqala' d-dritt għall-flus lura "meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti" u dan ai termini tal-Artikolu 1331 subinċiz 2 tal-Kodiċi Ċivili. Dan ġie ukoll mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet* ***Fiona Caruana vs Albert Caruana****, deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar id-9 ta' Lulju 2013".* Fil-kaz odjern ma ġiex kontradett li l-flus intefqu mill-konvenut sabiex iħallas dejn li huwa kellu, u għaldaqstant l-attriċi ma għandhiex il-jedd li titlob nofs is-somma li l-konvenut daħħal mill-bejgħ tal-vetturi in kwistjoni.

Fir-rigward tal-vettura l-oħra msemmija mill-attriċi fl-affidavit ulterjuri tagħha,[126] u ċjoe' l-allegata vettura ġdida li l-konvenut xtara fis-sena 2013, li tagħha l-attriċi ezebiet ritratt li juri li l-vettura tat-tip Peugeot li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni DAD-346,[127] mill-atti jirrizulta li t-titolu ta' din il-vettura qatt ma ġiet ippruvata u b'hekk ma tistgħax tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti.

Fir-rigward ta' <u>kreditu favur l-attriċi</u>, il-Qorti tordna li l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €7,658.61 rapprezentanti sehmu f'manteniment għaliha nnifisha u għal minuri.

Fr-rigward tad-<u>dar matrimonjali</u>, il-Qorti tara li ma tressqet l-ebda prova rigward l-istess u li lanqas ma kien hemm xi pretensjoni fuqha da parti l-attriċi. Madanakollu u għal kull buon fini, il-Qorti tiddikjara li l-fond li fih kienu jgħammru flimkien il-partijiet bħala koppja mizzewġa, u ċjoe' *"Flat 1, Triq Francesco Balbi, Bk J, Bieb B, San Ġiljan"*, m'għandux jibqa' iservi ta' dar matrimonjali għaz-zewġ partijiet kontendenti għal din il-kawza.

---

[126] Fol. 386.
[127] Fol. 395a.

Fir-rigward ta' beni parafernali, il-Qorti tara li minkejja l-pretensjoni tal-attriċi sabiex il-konvenut jirrestitwixxilha l-beni parafernali tagħha, mill-atti ma jirrizultax illi l-attriċi resqet xi prova ta' dawn il-beni parafernali li riedet li jiġu ritornati lilha. Għaldaqstant il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba attriċi.

### 7. Dwar Kunjom l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha *'M'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ hija attribwibbli unikament lill-konvenut, filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tirresjedi separatament minn ma' zewġha; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 237/2010, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba, fis-sens illi fir-rigward ta' manteniment għall-attriċi personali, *rebus sic stantibus* tordna li f'dan l-istadju l-attriċi m'għandhiex tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti bħalma għamlet għal dan l-aħħar zmien. Madanakollu u fi kwalunkwe l-kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-zewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment; fir-rigward tal-minuri tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro

(€275) kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal D B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-istess minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi full-time wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz children allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-wild jaghzel li jmur ighix ghal rasu wara li jsir maġġorenni, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

3. Tiċħad it-tlielet talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tibqa' fdata liz-zewġ partijiet b'mod konġunt, b'dana illi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-omm ġewwa Malta, f'dik ir-residenza hekk stabbilita minnha għaliha nnifisha u għal binha, b'dana illi id-deċizjonijiet ordinarji tal-ħajja ta' kuljum tal-minuri għandhom jittieħdu mill-omm waħedha stante li l-minuri ser ikun qiegħed jirrisjedi magħha, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar, għandhom jittieħdu mill-partijiet b'mod konġunt, filwaqt li fir-rigward ta' applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir bl-awtorizzazzjoni taz-zewġ partijiet, izda l-imsemmi passaport għandu jinzamm fil-pussess esklussiv tal-attriċi; Tordna lill-Aġenzija Appoġġ sabiex issegwi il-minuri u l-partijiet bil-mod li jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi anke minħabba li l-partijiet ma humiex kapaċi jikkomunikaw flimkien b'mod amikevoli; Tordna li l-konvenut għandu jkollu aċċess adegwat ma' ibnu, ċjoe' nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis u, fil-weekend mill-Ġimgħa fis-2:30pm sas-Sibt fl-4:00pm, fejn il-minuri għandu jinġabar għall-aċċess mill-Għassa tal-Pulizija l-iktar viċin tar-residenza tal-omm u jerga' jiġi rritornat hemm fi tmiem l-aċċess, filwaqt li l-missier għandu jieħu lill-minuri għall-attivitajiet li jkollu li jinzertaw waqt l-aċċess;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, filwaqt li d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun

skont il-provvediment tal-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*; madanakollu tastjeni milli tiddeċiedi rigward in-nomina ta' nutar u kuratur f'dawn il-proċeduri skont it-talba taz-zewġ partijiet;

5. Tilqa' il-ħames talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tapplika *in toto* s-sanzjonijiet kollha elenkati fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi fil-konfront tal-konvenut;

6. Tiċħad is-sitt talba attriċi rigward il-beni parafernali tal-attriċi;

7. Tiċħad is-seba' talba attriċi;

8. Tilqa' it-tmien talba u tawtorizza lill-attriċi tirriverti lura għal kunjom xbubitha, ossija *'M'*;

9. Tilqa' id-disa' talba u tawtorizza lill-attriċi tirreġistra din is-sentenza mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

L-ispejjez tal-kawza għandhom ikunu sapportati kollha mill-konvenut.